**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 12 ta' Lulju 2001**

**Rikors Nru: 27/01B**

**Calleja Antonio**

**Vs**

**Attard Salvatore**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

Illi, huwa jikri lill-intimat il-hanut "Sportsman Bar", fi Quarries Square, Santa Venera, bil-kera ta' lm30.50c0m fix-xahar, pagabbli fl-ewwel ta' kull xahar bil-quddiem.

Illi l-intimat naqas li ihallas il-kera, ghalkemm gie mitlub diversi drabi, ghal hafna xhur, kif jigi ippruvat fil-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob li l-Bord jittermina l-kirja imsemmija mhabba morosita' skond il-ligi, u jawtorizza lir-rikorrent jirriprendi l-pussess tal-imsemmi fond.

Sema' x-xhieda bil-gurament tar-rikorrent;

Ra li l-intimat ma deherx fis-seduta ta' llum minkejja li gie msejjah diversi drabi f' hinijiet differenti u lanqas ipprezenta risposta.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-ligijiet ta’ Malta;

Jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond ‘Sportsman Bar’ f’ Quarries Square, Santa Venera; ghall-fini ta’ l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta’ xahar m’ illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

Dep.Reg Magistrat